IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru25 (ħamsa u għoxrin) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju, 2026, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg<br>Antonia Buttigieg<br>Raymond Duncan |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**25.1. Item Nru 25.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

25.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.30pm u l-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sur Michael Mifsud. Kulħadd qabel li jkun skużat.

**25.2. Item Nru. 25.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

25.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 24 ittieħdu moqrija u ġew approvati unanimament.

**25.3 Item Nru. 25.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR181810 – Malta
Tel: 2581832618
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

25.3.1 Is-Sindku tkellem rigward il-palm tax-xatt u qal li ser jitħawlu dil-ġimgħa. Hu fakkar li dawn ser jitħallsu minn l-ERA b'permezz ta' proġett sabiex jikkumpensa mil-ħsarat li saru bil-maltempata Harry.

25.3.2 Is-Sindku qal li applikajna għal skema finanzjament sabiex issir barrier bir-remote fi Triq Orlando Zabbar. Din hija parti pedonali li kienet saret bil-paviment tal-lava. Valur għal dan il-proġett huwa ta €30,000.

25.3.3 Is-Sindku qal li fejn il-milord mal-baħar sar railing ġdid bil-ħaddiema tal-public works. Issa imiss li jsir ukoll railing ta' taraġ li jinsab perikoluż u imsaddad.

25.3.4 Is-Sindku tkellem fuq id-dawl tax-xatt li kellu problema u ma kienx qed jaħdem sew. Issa il-problema issolviet u reġa` qed jixgħel kif suppost.

25.3.5 Is-Sindku qal li l-ħsara maġġuri li hemm quddiem Triq iċ-Ċern għadna qed nagħmlu l-pressjoni mal-awtoritajiet sabiex tiġi rranġata u terġa għal istat normali tagħha.

25.3.6 Is-Sur Attard qal li l-problema li kellna tal-banju tax-Xatt ġiet solvuta u issa kollox reġa għan normal. Sar konkos għola mil-livell tal-baħar u l-ilma ma kienx qed jiċċirkula bil-konsegwenza li l-ilma ġie qiegħed u kien hemm intiena kbira u ħut mejta. Issa tbaxxa dan il-konkos u ġie klirjat xi blat u l-ilma qed jerġa jiċċirkula kif suppost.

25.3.7 Is-Sur Attard tkellem fuq l-iskema tal-Cameras u qal li it-tender qed jiġi evalwat u ikollna r-rapport tal-evalwazzjoni għal laqgħa li jmiss.

25.3.8 Is-Sindku qal li bħalissa qed isir ukoll l-abbozz tat-tender tal-Van sabiex jiġi ppublikat fil-ġimgħat li ġejjin.

25.3.9 Is-Sur Attard qal li l-proġett kapitali ta' madwar il-grawnd b'valur ta' €100,000 għadu qed isiru l-istimi u r-rapport mil-perit sabiex inkunu nistgħu napplikaw f'isem l-Iskema tat-DLG. Dan hu maħsub li jibda jintuża kemm mil-anzjani bħala Day Centre kif ukoll miż-żgħażagħ bħala youth centre.

25.3.10 Is-Sindku fakkar fl-attivita tat-18 ta' Lulju u qal li din is-sena ser tkun akbar mis-soltu anke minħabba li għandna fondi aktar mis-soltu. Ser inkunu qegħdin napplikaw ukoll għal sponsor mil-MTA sabiex tkun akbar.

25.3.11 Is-Sur Attard qal li l-ħaddiema tal-CWS u RSSL għandna bdil ieħor għaliex Neville Schembri ma xtaqx ikompli bħala supervisor u ser jieħu l-inkarigu Noel Bonnici dan ser ikun ifisser li jitnaqqas l-allowance ta' Neville Schembri u jingħata lil Noel Bonnici.

Is-Sindku kompla u qal li hu inkariga wkoll tlett ħaddiema sabiex jibdew ibgħattlu l-bins ta' kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd u dan ser ikun qed itihom allowance ta' 200 fl-ewwel xahar u għas Sajf minn Awwissu sa Settembru ser jitla għal 300. Hekk ser inkunu qed inwaqqfu l-Kuntrattur

u jieħdu dan il-valur dawn il-ħaddiema u ser ikollna aktar kontroll. Kulħadd qabel ma dan sakemm li jsir xogħol sewwa.

**25.4 Item Nru 25.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

25.4.1. Is-Sa. Doris Borg qalet li Triq Leonard Mahoney qed tinżel u nistgħux inkellmu lil Infrastruttura Malta sabiex naraw jistgħux jinkluduha max-xogħol ta' asfalt li għandu jsir fix-Xgħajra. Kulħadd qabel ma' dan.

25.4.2 Is-Sa. Borg qalet li taħt Triq il-Knisja mal-baħar għad hemm sellum nieqes sabiex inkellmu lil Public Works dwaru.

25.4.3 Is-Sur Raymond Duncan qal li hemm blokok li jagħtu dehra kera fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja u tajjeb li jitneħħew la mhux jintużaw. Is-Sindku qallu li ser jitneħħew fil-ġimgħat li ġejjin.

25.4.4 Is-Sur Duncan qal saret funtana faċċata ta' Triq Carmelo Penza u staqsa jekk nafux biha. Is-Sindku qal li iva saret b'xejn donazzjoni u ser isirilha komunikazzjoni biex titħaddem bl-ilma.

25.4.5 Is-Sur Ray Duncan qal li minħabba li għandna numru ta' toroq b'ismijiet ta' nies ikun tajjeb li nagħmlu riċerka dwarhom sabiex ikollna informazzjoni min kienu dawn in-nies sabiex imbagħad issir esibizzjoni tagħhom. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

25.4.6 Is-Sur Duncan qal ukoll li qed jaraw dgħajsa regolari quddiem ix-Xgħajra u qajmet mistoqsijiet jekk hux xi ħaġa relatata ma' Land reclamation. Is-Sindku qallu li qed jagħmlu studju però mhux għal land reclamation.

25.4.7 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ qalet li fil-kantuniera ta' Triq il-Knisja ma' Triq San Ġakbu kien hemm bollard tal-ħadid u minn meta saret it-triq ma' reġgħetx saret. Is-Sindku qal li filkas nagħmluha tal-ħadid fil-ġimgħat li ġejjin.

25.4.8 Is-Sa Buttiġieġ qalet li z-zebra crossing ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja għada minajr dawl. Is-Sindku qal li ser inkellmu lil tal-public works sabiex jaghmluha bid-dawl dirett mhux bis-solar.

25.4.9 Is-Sa. Buttigieg qalet ukoll li fejn il-bus shelter ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja qed jaqilgħu il-ħajt tas-sejjiegħ. Is-Sindku qal li issa permezz ta' aktar cameras ser ikunu qed nikkaverjaw aktar postijiet u jitnaqqas dan l-abbuż.

IX-XGHAJRA

**25.5 Item Nru. 25.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

25.5.1 Ma kienx hemm rapporti bil-mitkub.

**25.6 Item Nru. 25.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

25.6.1 Ix-xogħol ġie diskuss kollu aktar kmieni.

**25.7 Item Nru. 25.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

25.7.1 Pagamenti b'numru 24 ġew approvati unanimament.

**25.8 Item Nru. 25.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

25.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**25.9 Item Nru. 25.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

25.9.1 Il-laqgħa intemmet fil-6.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Awwissu fl-4.30pm.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku